— il-benefiċċji tal-familja għat-tfal dipendenti (inklużi taħt "Benefiċċji tal-familja/relatati mat-tfal" (HY050G)),

— il-benefiċċji mħallsa għall-irtirar bikri minħabba raġunijiet tas-suq tax-xogħol jew fil-każ ta' kapaċità mnaqqsa għax-xogħol (dawn huma inklużi taħt "Benefiċċji tal-qgħad" (PY090G) jew "Benefiċċji tad-diżabbiltà" (PY130G) rispettivament),

— il-benefiċċji mħallsa lil anzjani li jeħtieġu assistenza ta' spiss jew kostanti biex tgħinhom ilaħħqu mal-kostijiet żejda ta' attendenza meta l-benefiċċji jiġu rimborżati wara preżentazzjoni ta' nefqa ċċertifikata.

1.4.1.5. Il-benefiċċji tas-superstiti (PY110G)

Il-benefiċċji tas-superstiti jirriferu għall-benefiċċji li jipprovdu introjtu temporanju jew permanenti lil persuni taħt l-età tal-irtirar wara l-mewt tal-konjuġi, tas-sieħeb/sieħba jew tal-eqreb qarib tagħhom, normalment meta dik il-persuna tkun dik li taqla' l-għajxien prinċipali.

Is-superstiti eliġibbli għall-benefiċċju jistgħu jkunu l-konjuġi jew l-eks konjuġi tal-persuna deċeduta, jew it-tfal, in-neputijiet, il-ġenituri jew qraba oħra tagħha. F'ċerti każijiet, il-benefiċċju jista' jitħallas ukoll lil persuna barra mill-familja.

Il-benefiċċju tas-superstiti normalment jingħata abbażi ta' dritt derivat, jiġifieri dritt li oriġinarjament kien jappartjeni għal persuna oħra li l-mewt tagħha tkun kundizzjoni għall-għoti tal-benefiċċju.

Il-benefiċċju tas-superstiti jinkludi:

— il-pensjoni tas-superstiti: il-pagamenti perjodiċi, anki wara l-età tal-irtirar standard, lil persuni li l-intitolament tagħhom jinkiseb permezz tar-relazzjoni tagħhom ma' persuna deċeduta protetta minn skema (romol, orfni u simili),

— l-għotja f'każ ta' mewt: pagament wieħed lil persuna li l-intitolament tagħha hu derivat mir-relazzjoni tagħha mal-persuna deċeduta (romol, orfni u simili),

— benefiċċji oħra fi flus: pagamenti perjodiċi jew f'somma sħiħa oħra magħmula bis-saħħa tad-dritt derivat tas-superstiti.

Ma jinkludix:

— il-benefiċċji tal-familja għat-tfal dipendenti (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċju tal-familja/relatat mat-tfal" (HY050G)),

— l-ispejjeż tal-funeral,

— pagamenti addizzjonali magħmula mill-impjegaturi lil persuni eliġibbli oħra biex jissupplimentaw l-intitolament għall-ħlas tal-benefiċċji tas-superstiti minn skema tal-assigurazzjoni soċjali, meta pagamenti bħal dawn ma jkunux jistgħu jiġu identifikati separatament u b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali (dawk il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)).

1.4.1.6. Il-benefiċċji tal-mard (PY120G)

Il-benefiċċji tal-mard jirreferu għall-benefiċċji fi flus li jpattu, għalkollox jew parzjalment, għat-telf tal-introjtu waqt inabbiltà temporanja għax-xogħol minħabba mard jew korriment.

Il-benefiċċji tal-mard jinkludu:

— il-liv imħallas minħabba mard: rata fissa jew pagamenti marbutin mal-qligħ maħsuba biex jikkumpensaw lill-persuna protetta għalkollox jew parzjalment għat-telf ta' qligħ ikkawżat minn inabbiltà temporanja għax-xogħol minħabba mard jew korriment. Dawn il-benefiċċji jistgħu jitħallsu minn skemi awtonomi tal-protezzjoni soċjali, iżda jistgħu jiġu pprovduti wkoll mill-impjegatur fil-forma ta' ħlas kontinwu ta' pagi u salarji waqt il-perjodu tal-mard,

— il-liv imħallas fil-każ ta' mard jew korriment tat-tfal dipendenti,

— benefiċċji oħra fi flus: pagamenti mixxellanji maħruġa lill-persuna protetti b'rabta ma' mard jew korriment.

It-terminu ma jinkludix:

— il-benefiċċji fi flus li jpattu għat-telf tal-introjtu waqt inabbiltà temporanja għax-xogħol minħabba tqala (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċju tal-familja/relatat mat-tfal" (HY050G)),

— il-benefiċċji fi flus li jpattu għat-telf tal-introjtu waqt inabbiltà temporanja għax-xogħol minħabba diżabbiltà (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċji tad-diżabbiltà" (PY130G)),

— il-pagamenti magħmulin mill-impjegaturi lil impjegat minflok pagi u salarji permezz ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali meta l-impjegat ma jkunx jista' jaħdem minħabba mard, meta pagament bħal dan ma jkunx jista' jiġi identifikat separatament u b'mod ċar bħala benefiċċju soċjali (dawn il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)),

— pagamenti addizzjonali magħmula mill-impjegaturi lil impjegat biex jissupplimentaw l-intitolament għal ħlas waqt il-liv minħabba mard minn skema tal-assigurazzjoni soċjali, meta pagamenti bħal dawn ma jkunux jistgħu jiġu identifikati separatament u b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali (dawk il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)).

1.4.1.7. Il-benefiċċji tad-diżabbiltà (PY130G)

Il-benefiċċji tad-diżabbiltà jirreferu għall-benefiċċji li jipprovdu introjtu lill-persuni taħt l-età tal-irtirar standard meta l-abbiltà tagħhom li jaħdmu u jaqilgħu l-flus tkun imxekkla minn diżabbiltà fiżika jew mentali lil hinn mil-livell minimu stipulat mil-leġiżlazzjoni.

Diżabbiltà hija l-inabbiltà sħiħa jew parzjali li persuna tieħu sehem f'attività ekonomika jew li tgħix ħajja normali minħabba indeboliment fiżiku jew mentali li jista' jkun permanenti jew inkella li jippersisti lil hinn mill-perjodu minimu stipulat.

Il-benefiċċji tal-mard jinkludu:

— il-pensjoni tad-diżabbiltà: il-pagament perjodiku maħsub biex imantni jew isostni l-introjtu ta' persuna taħt l-età tal-irtirar standard li tbati minn xi diżabbiltà li ttellef l-abbiltà tagħha li taħdem jew taqla' l-flus lil hinn mil-livell minimu stabbilit mil-leġiżlazzjoni,

— irtirar bikri f'każ ta' abbiltà mnaqqsa għax-xogħol: il-pagamenti perjodiċi lil ħaddiema akbar fl-età li jirtiraw qabel ma jilħqu l-età tal-irtirar standard minħabba abbiltà mnaqqsa għax-xogħol. Dawn il-pensjonijiet normalment jieqfu meta l-benefiċjarju jiġi intitolat għall-pensjoni tal-irtirar,

— il-benefiċċju għall-indokrar: benefiċċju mħallas lill-persuni b'diżabbiltà taħt l-età tal-irtirar standard li jeħtieġu assistenza ta' spiss u kostanti biex tgħinhom ilaħħqu mal-kostijiet żejda ta' attendenza (għajr il-kura medika). Il-benefiċċju ma jistax ikun rimborżar tan-nefqa ċċertifikata,

— integrazzjoni ekonomika tal-persuni b'diżabbiltà: il-benefiċċji mħallsa lill-persuni b'diżabbiltà meta jidħlu għal xogħol adattat għall-kundizzjoni tagħhom, normalment f'xi post tax-xogħol protett, jew meta jagħmlu taħriġ vokazzjonali,

— il-benefiċċji tad-diżabbiltà lit-tfal b'diżabbiltà bi dritt għalihom personali, irrispettivament mid-dipendenza,

— benefiċċji oħra fi flus: il-pagamenti perjodiċi u f'somom f'daqqa li ma jaqgħux taħt l-intestaturi ta' hawn fuq, bħall-appoġġ okkażjonali għall-introjtu.

Il-benefiċċji tad-diżabbiltà ma jinkludux:

— il-benefiċċji previsti biex ipattu għalkollox jew parzjalment għall-introjtu waqt inabbiltà temporanja għax-xogħol minħabba mard jew korriment (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċji tal-mard" (PY120G)),

— il-benefiċċji tal-familja mħallsa lill-benefiċjarji tal-benefiċċji tad-diżabbiltà (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċji tal-familja/relatati mat-tfal" (HY050G)),

— il-benefiċċji mħallsin lis-superstiti dipendenti tal-persuni b'diżabbiltà, bħal pensjonijiet (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċji tas-superstiti" (PY110G)),

— il-benefiċċji li huma rimborżar tan-nefqa ċċertifikata,

— il-benefiċċji tad-diżabbiltà fi flus imħallsa wara l-età tal-irtirar standard (dawn il-benefiċċji huma inklużi taħt "Benefiċċji tal-anzjanità" (PY100G)),

— il-pagamenti magħmulin mill-impjegaturi lil impjegat jew lil eks impjegat minflok pagi u salarji permezz ta' skema tal-assigurazzjoni soċjali meta dak l-impjegat jew l-eks impjegat ma jkunx jista' jaħdem minħabba diżabbiltà, meta pagament bħal dan ma jkunx jista' jiġi identifikat separatament u b'mod ċar bħala benefiċċji soċjali (dawn il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)),

— il-pagamenti addizzjonali magħmula għall-impjegaturi lil impjegat jew lil eks impjegat sabiex jissupplimentaw l-intitolament għal ħlas waqt il-liv tad-diżabbiltà minn skema tal-assigurazzjoni soċjali, meta pagamenti bħal dawn ma jkunux jistgħu jiġu identifikati separatament u b'mod car bħala benefiċċji soċjali (dawk il-pagamenti huma inklużi taħt "Introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat" (PY010G)).

1.4.1.8. Il-benefiċċji relatati mal-edukazzjoni (PY140G)

Il-benefiċċji relatati mal-edukazzjoni jirreferu għal għotjiet, borża ta' studju u għajnuna oħra edukattiva riċevuta minn studenti.

1.4.1.9. Gratifiki/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali mhux klassifikata band'oħra (HY060G)

Il-benefiċċji soċjali fil-funzjoni ta' "esklużjoni soċjali mhux klassifikata band'oħra" jirreferu għall-persuni "esklużi soċjalment" jew għall-persuni "fir-riskju ta' esklużjoni soċjali". Il-grupp fil-mira ġenerali jinkludi lill-persuni f'faqar kbir, lill-migranti, lir-refuġjati, lill-persuni bil-vizzju tad-droga, lill-persuni bil-vizzju tal-alkoħol u lill-vittmi ta' vjolenza kriminali.

It-terminu jkopri:

— l-introjtu ta' sostenn: il-pagamenti perjodiċi lill-persuni b'riżorsi insuffiċjenti. Il-kundizzjonijiet għall-intitolament jistgħu jkunu relatati mhux biss mar-riżorsi personali iżda anki man-nazzjonalità, mar-residenza, mal-età, mad-disponibbiltà għax-xogħol u mal-istatus tal-familja. Il-benefiċċji jistgħu jkunu għal durata limitata jew mhux limitata; jistgħu jkunu mħallsin lill-individwu jew lill-familja u jistgħu jingħataw mill-gvern ċentrali jew lokali,

— benefiċċji oħra fi flus: is-sostenn lill-persuni f'faqar kbir u vulnerabbli biex jgħinhom itaffu l-faqar jew jgħinhom f'sitwazzjonijiet diffiċli. Dawn il-benefiċċji jistgħu jitħallsu minn organizzazzjonijiet privati mingħajr skop ta' qligħ.

1.4.2. *Trasferimenti regolari ta' flus riċevuti mingħand unitajiet domestiċi*

Trasferimenti regolari ta' flus riċevuti mingħand unitajiet domestiċi jirreferu għal ammonti regolari ta' flus riċevuti, waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu, minn unitajiet domestiċi u minn persuni oħra.

"Regolari" ma timplikax żmien preċiż u ma teħtieġx perjodiċità soda. Tista' tikkorrispondi għal waħda minn żewġ perjodi taż-żmien differenti:

— tista' tirreferi għal ammont annwali riċevut kull sena jew tul diversi snin,

— inkella, tista' tirreferi għal introjtu perjodiku (eż. kull xahar) fuq perjodu qasir inkorporat fil-perjodu ta' referenza tal-introjtu (eż. sitt xhur).

1.4.2.1 Trasferimenti regolari ta' flus riċevuti mingħand unitajiet domestiċi (HY080G)

Trasferimenti regolari ta' flus riċevuti mingħand unitajiet domestiċi jirreferu għal pagamenti regolari riċevuti, anke jekk darba fis-sena biss, li jkunu disponibbli għall-finanzjament tan-nefqa (regolari) fuq il-konsum.

It-terminu jkopri:

— alimenti u manteniment tat-tfal obbligatorji,

— alimenti u manteniment tat-tfal volontarji riċevuti b'mod regolari,

— sostenn regolari fi flus mingħand persuni oħra għajr il-membri tal-unità domestika,

— sostenn regolari fi flus mingħand unitajiet domestiċi f'pajjiżi oħra.

Ma jinkludix:

— Abitazzjoni bla ħlas jew issusidjata pprovduta minn unità domestika oħra (li hi inkluża taħt Kera imputata),

— Il-wirt u trasferimenti kapitali oħra, jiġifieri trasferimenti riċevuti mingħand unitajiet domestiċi oħra li l-unità domestika ma tqishomx disponibbli għalkollox għall-konsum waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu,

— Rigali u flussi kbar oħra ta' darba u mhux mistennija ta' flus, bħal somom f'daqqa għax-xiri ta' karozza, ta' dar, jew simili, jew biex jitfaddlu għall-konsum fit-tul (aktar minn sena bil-quddiem),

— Alimenti jew manteniment imħallsa mill-gvern (ċentrali jew lokali) jekk, għal xi raġuni, il-konjuġi ma jħallsux l-alimenti/il-manteniment tat-tfal. L-ammont imħallas mill-gvern jenħtieġ jiġi rreġistrat fil-benefiċċji tal-familja (il-varjabbli HY050).

1.4.2.2 Alimenti (HY081G) riċevuti

L-alimenti jinkludu:

— Alimenti u manteniment tat-tfal obbligatorji;

— Alimenti u manteniment tat-tfal volontarji riċevuti b'mod regolari.

Alimenti jirreferu għal introjtu riċevut għat-tfal u/jew għall-eks konjuġi, li jistgħu jiġu mill-istess pajjiż jew minn pajjiż ieħor.

L-alimenti ma jinkludux:

— Sostenn regolari fi flus (għajr aliimenti) mingħand persuni oħra għajr il-membri tal-unità domestika;

— Sostenn regolari fi flus (għajr alimenti) mingħand unitajiet domestiċi f'pajjiżi oħra;

— Abitazzjoni bla ħlas jew sussidjata pprovduta minn unità domestika oħra (li hi inkluża taħt Kera imputata);

— Il-wirt u trasferimenti kapitali oħra, jiġifieri trasferimenti riċevuti mingħand unitajiet domestiċi oħra li l-unità domestika ma tqishomx disponibbli għalkollox għall-konsum waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu;

— Rigali u flussi kbar oħra ta' darba u mhux mistennija ta' flus, bħal somom f'daqqa għax-xiri ta' karozza jew ta' dar jew biex jitfaddlu għall-konsum fit-tul (aktar minn sena bil-quddiem);

— Alimenti jew manteniment imħallsa mill-gvern (ċentrali jew lokali) jekk, għal xi raġuni, il-konjuġi ma jħallsux l-alimenti/il-manteniment tat-tfal. L-ammont imħallas mill-gvern jenħtieġ jiġi rreġistrat fil-benefiċċji tal-familja (il-varjabbli HY050).

1.5. **Introjtu ieħor riċevut**

1.5.1. *Introjtu riċevut minn persuni taħt is-16-il sena (HY110G)*

L-introjtu riċevut minn persuni taħt is-16-il sena hu definit bħala introjtu gross riċevut mill-membri kollha tal-unitajiet domestiċi taħt is-16-il sena waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu.

Ma jinkludix:

— trasferimenti bejn il-membri tal-unità domestika,

— introjtu miġbur fil-livell tal-unità domestika (jiġifieri l-varjabbli HY040G, HY050G, HY060G, HY070G, HY080G u HY090G).

1.6. **Pagamenti tal-imgħax**

1.6.1. *Imgħax imħallas fuq ipoteka (HY100G)*

L-imgħax imħallas fuq ipoteka jirreferi għall-ammont gross totali, qabel it-tnaqqis ta' xi kreditu tat-taxxa jew benefiċċju tat-taxxa, ta' mgħax ipotekarju fuq ir-residenza ewlenija tal-unità domestika waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu.

Ma jinkludix:

— pagamenti ipotekarji oħra, kemm jekk imgħax jew inkella prinċipali, magħmulin fl-istess żmien, bħall-assigurazzjoni għall-protezzoni ipotekarja jew assigurazzjoni fuq id-dar u l-kontenut tagħha,

— pagamenti fuq riipoteka biex jinkisbu flus għal skopijiet tal-abitazzjoni (eż. tiswijiet, rinovazzjonijiet jew manutenzjoni) jew għal skopijiet mhux tal-abitazzjoni,

— ripagamenti tal-prinċipali jew tas-somma kapitali.

1.7. **Trasferimenti kurrenti mħallsa**

It-trasferimenti kurrenti mħallsa huma mqassma f'dawn li ġejjin:

(1) Taxxa fuq l-introjtu u kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali (HY140G);

(2) Taxxi regolari fuq il-ġid (HY120G);

(3) Kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali tal-impjegaturi (PY030G);

(4) Trasferimenti regolari ta' flus imħallsa lill-unitajiet domestiċi (HY130G).

1.7.1. *Taxxa fuq l-introjtu u kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali (HY140G)*

It-taxxa fuq l-introjtu tirreferi għat-taxxi fuq l-introjtu, il-qligħ u l-gwadanji kapitali. Dawn jiġu vvalutati fuq l-introjtu reali jew preżunt tal-individwi, tal-unitajiet domestiċi jew tal-unitajiet tat-taxxa. Dawn jinkludu t-taxxi vvalutati fuq parteċipazzjonijiet fi proprjetà, f'art jew fi proprjetà immobbli meta dawn il-parteċipazzjonijiet jintużaw bħala bażi biex jiġi stmat l-introjtu tas-sidien tagħhom. It-taxxi relatati mal-pensjonijiet riċevuti mingħand pjanijiet privati individwali (għajr dawk koperti taħt l-ESSPROS) jenħtieġ jitqiesu wkoll.

It-taxxi fuq l-introjtu jinkludu:

— it-taxxi fuq l-introjtu individwali, tal-unità domestika jew tal-unità tat-taxxa (l-introjtu minn impjieg, minn proprjetà, minn intraprenditorija, minn pensjonijiet, eċċ.), inkluż it-taxxi mnaqqsa mill-impjegaturi (taxxi ta' ħlas mal-paga), taxxi oħra minn ras il-għajn u taxxi fuq l-introjtu tas-sidien ta' intrapriżi mhux inkorporati mħallsa waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu,

— kull ripagament tat-taxxa riċevut waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu relatat mat-taxxa mħallsa fuq l-introjtu riċevut waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu jew is-snin ta' qabel. Dan il-valur jenħtieġ jiġi ikkunsidrat bħala tnaqqis fit-taxxi mħallsa,

— kull imgħax impost fuq l-arretrati tat-taxxi dovuti jew kull multa imposta mill-awtoritajiet tat-taxxa.

Bħala eċċezzjoni, l-Istati Membri li jużaw *data* mir-reġistri, u Stati Membri oħra li għalihom dan hu l-aktar approċċ xieraq, jistgħu jirrappurtaw taxxi fuq l-"introjtu riċevut" fis-sena ta' referenza tal-introjtu, jekk dan ikun jaffettwa b'mod marġinali biss il-komparabbiltà.

It-taxxi fuq l-introjtu ma jinkludux:

— it-tariffi mħallsa għall-kaċċa, għall-isparar u għad-drittijiet tas-sajd.

Il-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali jirreferu għall-kontribuzzjonijiet tal-impjegati, tal-persuni li jaħdmu għal rashom, tal-persuni qiegħda, tal-irtirar u kull kontribuzzjoni oħra (jekk applikabli) imħallsa waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu għal skemi obbligatorji tal-assigurazzjoni soċjali obbligatorji tal-gvern jew abbażi tal-impjegaturi (pensjoni, saħħa, eċċ.).

1.7.2. *Taxxi regolari fuq il-ġid (HY120G)*

It-taxxi regolari fuq il-ġid jirreferu għat-taxxi pagabbli b'mod perjodiku fuq is-sjieda jew l-użu ta' art jew ta' bini mis-sidien u t-taxxi kurrenti fuq il-ġid nett u fuq assi oħra (ġojjellerija, sinjali esterni oħra ta' ġid). It-taxxi regolari fuq il-ġid li jridu jiġu rrapportati huma dawk imħallsa waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu.

It-taxxi regolari fuq il-ġid jinkludu:

— it-taxxi regolari fuq is-sjieda tar-residenza ewlenija tal-unità domestika,

— it-taxxi regolari fuq is-sjieda ta' proprjetajiet immobbli oħra,

— kull imgħax impost fuq l-arretrati tat-taxxi dovuti jew kull multa imposta mill-awtoritajiet tat-taxxa,

— it-taxxi fuq il-proprjetà mħallsa direttament lill-awtorità tat-taxxa mill-inkwilini.

It-taxxi regolari fuq il-ġid ma jinkludux:

— it-taxxi intermittenti bħat-taxxi fuq wirt, l-obbligi minħabba mewt jew it-taxxi fuq rigali *inter vivos*,

— it-taxxi vvalutati fuq parteċipazzjonijiet fi proprjetà, f'art jew f'bini meta dawn il-parteċipazzjonijiet jintużaw bħala bażi biex jiġi stmat l-introjtu tas-sidien tagħhom (dawn it-taxxi huma inkluzi taħt "Taxxa fuq l-introjtu u kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali" (HY140G)),

— it-taxxi fuq art, fuq bini jew fuq assi oħra fil-pussess jew mikrija minn intrapriżi u użati minnhom għall-produzzjoni (dawn it-taxxi huma kkunsidrati bħala taxxi fuq il-produzzjoni u jitnaqqsu mill-produzzjoni tas-suq ta' introjtu minn impjieg ta' persuna li taħdem għal rasha biex jibnu l-komponent "Qligħ jew telf grossi fi flus minn impjieg ta' persuna li taħdem għal rasha" (inkluż ir-royalties) (PY050G)).

1.7.3. *Taxxi regolari fuq is-sjieda tar-residenza ewlenija ta' unità domestika (HY121G)*

Dan it-terminu jirreferi għat-taxxi li jitħallsu perjodikament fuq is-sjieda jew l-użu ta' art jew ta' bini fejn l-abitazzjoni tingħata b'lokazzjoni mis-sidien tal-abitazzjoni. It-taxxi regolari li jridu jiġu rrapportati huma dawk imħallsa waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu.

1.7.4. *Kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali tal-impjegaturi (PY030G)*

Il-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali tal-impjegaturi huma definiti fl-introjtu tal-impjegat.

1.7.5. *Trasferimenti regolari ta' flus imħallsa lill-unitajiet domestiċi*

Dan it-terminu jirreferi għal ammonti monetarji regolari mħallsa lil unitajiet domestiċi oħra waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu.

"Regolari" ma tirreferix għal żmien preċiż u ma teħtieġx perjodiċità soda. Tista' tikkorrispondi għal żewġ perjodi taż-żmien differenti:

— tista' tirreferi għal ammont annwali riċevut kull sena jew tul diversi snin,

— jew tista' tirreferi għal introjtu perjodiku (eż. kull xahar) fuq perjodu qasir inkorporat fil-perjodu ta' referenza tal-introjtu (eż. sitt xhur).

1.7.5.1 Trasferimenti regolari ta' flus imħallsa lill-unitajiet domestiċi (HY130G)

Dan it-terminu jirreferi għal ammonti monetarji regolari mħallsa lil unitajiet domestiċi oħra waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu. Dawn jenħtieġ jirreferu għal pagamenti regolari, anke ta' darba fis-sena, mill-introjtu.

It-trasferimenti regolari mħallsa lill-unitajiet domestiċi jinkludu:

— alimenti u manteniment tat-tfal obbligatorji,

— alimenti u manteniment tat-tfal volontarji mħallsa b'mod regolari,

— sostenn regolari fi flus lil persuni oħra għajr il-membri tal-unità domestika,

— sostenn regolari fi flus lil unitajiet domestiċi f'pajjiżi oħra.

It-terminu ma jinkludix trasferimenti ta' kapital u flus prelevati mill-kontijiet tat-tfaddil.

1.7.5.2 Alimenti mħallsa (HY131G)

Alimenti jirreferu għal pagamenti għat-tfal u/jew għall-eks konjuġi, fl-istess pajjiż jew lejn pajjiż ieħor.

L-alimenti jinkludu:

— Alimenti u manteniment tat-tfal obbligatorji;

— Alimenti u manteniment tat-tfal volontarji mħallsa b'mod regolari.

L-alimenti jeskludu:

— Sostenn regolari fi flus (għajr aliimenti) lil persuni oħra għajr il-membri tal-unità domestika;

— Sostenn regolari fi flus (għajr alimenti) lil unitajiet domestiċi f'pajjiżi oħra;

— Trasferimenti ta' kapital u flus prelevati mill-kontijiet tat-tfaddil.

2. KOMPONENTI TAL-INTROJTU NETT

Il-komponenti tal-introjtu nett huma derivati mill-komponenti tal-introjtu gross korrispondenti wara t-tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu minn ras il-għajn u tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali.

Komponenti nett jistgħu jkunu pprovduti:

(1) In-nett mit-taxxa fuq l-introjtu minn ras il-għajn u mill-kontribuzzjonijiet soċjali;

(2) In-nett mit-taxxa fuq l-introjtu minn ras il-għajn;

(3) In-nett mill-kontribuzzjonijiet soċjali.

3. INTROJTU GROSS TOTALI U DISPONIBBLI TAL-UNITÀ DOMESTIKA

3.1. **L-introjtu gross totali tal-unità domestika (HY010) jiġi kkalkolat hekk:**

Is-somma għall-membri kollha tal-unità domestika tal-komponenti tal-introjtu personali gross (introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat (PY010G)); karozza tal-kumpanija (PY021G), qligħ jew telf grossi fi flus minn impjieg ta' persuna li taħdem għal rasha (inkluż ir-royalties) (PY050G); il-pensjonijiet riċevuti mingħand pjanijiet privati individwali (għajr dawk koperti taħt l-ESSPROS) (PY080G), il-benefiċċji tal-qgħad (PY090G); il-benefiċċji tal-anzjanità (PY100G); il-benefiċċji tas-superstiti (PY110G); il-benefiċċji tal-mard (PY120G); il-benefiċċji tad-diżabbiltà (PY130G) u benefiċċji relatati mal-edukazzjoni (PY140G)) miżjuda bil-komponenti tal-introjtu gross fil-livell tal-unità domestika (introjtu minn kera ta' proprjetà jew ta' art (HY040G)); il-benefiċċji tal-familja/relatati mat-tfal (HY050G); gratifiki/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali mhux klassifikata band'oħra (HY060G). il-benefiċċji tal-abitazzjoni (HY070G); trasferimenti regolari ta' flus riċevuti mingħand unitajiet domestiċi (HY080G); imgħaxijiet, dividendi, qligħ minn investimenti kapitali f'negozji mhux inkorporati (HY090G); u introjtu riċevut minn persuni taħt is-16-il sena (HY110G)

3.2. **L-introjtu disponibbli totali tal-unità domestika (HY020) għandu jkun ikkalkolat hekk:**

Is-somma għall-membri kollha tal-unità domestika tal-komponenti tal-introjtu personali gross (introjtu gross fi flus jew fi kważi flus tal-impjegat (PY010G)); karozza tal-kumpanija (PY021G); qligħ jew telf fi flus gross minn impjieg ta' persuna li taħdem għal rasha (inkluż ir-royalties) (PY050G) il-pensjonijiet riċevuti mingħand pjanijiet privati individwali (għajr dawk koperti taħt l-ESSPROS) (PY080G), il-benefiċċji tal-qgħad (PY090G); il-benefiċċji tal-anzjanità (PY100G); il-benefiċċji tas-superstiti (PY110G); il-benefiċċji tal-mard (PY120G); il-benefiċċji tad-diżabbiltà (PY130G) u benefiċċji relatati mal-edukazzjoni (PY140G)) miżjuda bil-komponenti tal-introjtu gross fil-livell tal-unità domestika (introjtu minn kera ta' proprjetà jew ta' art (HY040G)); il-benefiċċji tal-familja/relatati mat-tfal (HY050G); Gratifiki/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali mhux klassifikata band'oħra (HY060G). il-benefiċċji tal-abitazzjoni (HY070G); trasferimenti regolari ta' flus riċevuti mingħand unitajiet domestiċi (HY080G); imgħaxijiet, dividendi, qligħ minn investimenti kapitali f'negozji mhux inkorporati (HY090G); u introjtu riċevut minn persuni taħt is-16-il sena (HY110G); jitnaqqsu t-taxxi regolari fuq il-ġid (HY120G); trasferiment regolari ta' flus imħallas lill-unitajiet domestiċi (HY130G); u t-taxxa fuq l-introjtu u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali (HY140G)).

Dan ifisser: HY020 = HY010 - HY120G - HY130G - HY140G.

Il-varjabbli HY140G jinkludi ripagament/riċeviment ta' aġġustamenti tat-taxxa fuq l-introjtu, taxxa fuq l-introjtu minn ras il-għajn u kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali (jekk applikabbli).

3.3. **L-introjtu disponibbli totali tal-unità domestika, qabel it-trasferimenti soċjali għajr il-benefiċċji tal-anzjanità u tas-superstiti (HY022), hu definit bħala:**

L-introjtu disponibbli totali (HY020) li minnu jitnaqqsu t-trasferimenti netti totali, miżjuda l-benefiċċji tal-anzjanità (PY100N) u l-benefiċċji tas-superstiti (PY110N) (jiġifieri l-introjtu disponibbli totali (HY020) li minnu jitnaqqsu l-benefiċċji tal-qgħad (PY090N); il-benefiċċji tal-mard (PY120N); il-benefiċċji tad-diżabbiltà (PY130N); il-benefiċċji relatati mal-edukazzjoni (PY140N); il-benefiċċji tal-familja/relatati mat-tfal (HY050N); Gratifiki/ benefiċċji tal-esklużjoni soċjali mhux klassifikata band'oħra (HY060N). u l-benefiċċji tal-abitazzjoni (HY070N)).

3.4. **L-introjtu disponibbli totali tal-unità domestika, qabel it-trasferimenti soċjali li jinkludu l-benefiċċji tal-anzjanità u tas-superstiti (HY023) hu definit bħala:**

L-introjtu disponibbli totali (HY020) li minnu jitnaqqsu t-trasferimenti netti totali (il-benefiċċji tal-qgħad (PY090N); il-benefiċċji tal-anzjanità (PY100N); il-benefiċċji tas-superstiti (PY110N); il-benefiċċji tal-mard (PY120N); il-benefiċċji tad-diżabbiltà (PY130N); il-benefiċċji relatati mal-edukazzjoni (PY140N); il-benefiċċji tal-familja/relatati mat-tfal (HY050N); gratifiki/benefiċċji tal-esklużjoni soċjali mhux klassifikata band'oħra (HY060N); u benefiċċji tal-abitazzjoni (HY070N)).

3.5. **L-introjtu disponibbli ekwivalizzat hu definit bħala:**

L-introjtu disponibbli totali tal-unità domestika diviż bid-"daqs ekwivalenti" tagħha.

3.6. **Daqs ekwivalenti**

Jirreferi għall-iskala ta' ekwivalenza modifikata tal-OECD (li tagħti ponderazzjoni ta' 1,0 lill-ewwel adult, ta' 0,5 lill-persuni l-oħra ta' 14-il sena jew aktar li qed jgħixu fl-unità domestika, u ta' 0,3 lil kull wild iżgħar minn 14-il sena).

4. ELEMENTII OĦRA MHUX IKKUNSIDRATI BĦALA PARTI MILL-INTROJTU

4.1. **Kontribuzzjonijiet għal pjanijiet individwali tal-pensjoni privata (PY035G)**

Kontribuzzjonijiet magħmulin għal pjanijiet individwali tal-pensjoni privata, waqt il-perjodu ta' referenza tal-introjtu, jirreferu għall-poloz tal-pensjoni meħuda minn unitajiet domestiċi individwali fuq inizjattiva personali tagħhom u għall-benefiċċju personali tagħhom, indipendentement mill-impjegaturi tagħhom jew mill-gvern u barra minn xi skema tal-assigurazzjoni soċjali.

Dawn il-kontribuzzjonijiet jirrappreżentaw il-kontroparti għal pensjonijiet minn pjanijiet individwali tal-pensjonijiet privati (għajr dawk koperti taħt l-ESSPROS) (PY080G).

It-terminu jinkludi kontribuzzjonijiet għal pjanijiet individwali tal-pensjoni relatati mal-anzjanità, tas-superstiti, tal-mard, tad-diżabbiltà u tal-qgħad.

ANNESS II

Karatteristiċi tekniċi tal-varjabbli

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
INFORMAZZJONI DWAR IL-ĠBIR TAD-*DATA*						
DB010	**Sena tal-istħarriġ**	*Sena*	Sena tal-istħarriġ	Unità domestika	Qafas	Kurrenti
DB020	**Pajjiż ta' residenza**	Kodiċi GEO tal-SCL	Pajjiż ta' residenza	Unità domestika	Qafas	Kostant
DB040	**Reġjun ta' residenza**	*NUTS (2 ċifri)*	Reġjun (2 ċifri)	Unità domestika	Qafas, reġistru jew intervistatur	Kurrenti
DB040_F	Reġjun ta' residenza *(marka)*	1	Mimlija skont NUTS			
		-1	Nieqsa			
DB050	**Strat**	1–99999	Identifikatur tal-istrat	Unità domestika	Disinn tal-qafas, tar-reġistru jew tal-kampjun	Fl-għażla
DB050_F	Strat *(marka)*	1	Mimlija			
		2	PSU awtorappreżentanti			
		3	L-istrat kollassat minħabba PSU unika (għal unitajiet domestiċi magħżula fl-istrat bil-PSU unika biss)			
		-2	Mhux applikabbli (l-ebda stratifikazzjoni)			
DB060	**Unità tal-kampjunar primarju (PSU)**	1–99999	Identifikatur tal-unità tal-kampjunar primarju	Unità domestika	Disinn tal-qafas, tar-reġistru jew tal-kampjun	Fl-għażla
DB060_F	Unità tal-kampjunar primarju (PSU) *(marka)*	1	Ir-rotazzjoni hija implimentata fil-livell tal-PSU (il-PSU tagħmel rotazzjoni ġewwa u barra mill-kampjun)			
		2	Ir-rotazzjoni hija implimentata fil-livell tal-SSU jew tal-unità domestika (Il-PSU tibqa' fil-kampjun għad-durata kollha tal-EU-SILC)			
		-2	Mhux applikabbli (l-ebda l-ewwel jew it-tieni stadju tal-kampjunar)			
DB062	**Unità tal-kampjunar sekondarju (SSU)**	1–99999	Identifikatur tal-unità tal-kampjunar sekondarju	Unità domestika	Disinn tal-qafas, tar-reġistru jew tal-kampjun	Fl-għażla

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
DB062_F	Unità tal-kampjunar sekondarju (SSU) *(marka)*	1	Ir-rotazzjoni hija implimentata fil-livell tal-PSU (il-PSU tagħmel rotazzjoni ġewwa u barra mill-kampjun)			
		2	Ir-rotazzjoni hija implimentata fil-livell tal-SSU jew tal-unità domestika (Il-PSU tibqa' fil-kampjun għad-durata kollha tal-EU-SILC)			
		-2	Mhux applikabbli (l-ebda l-ewwel jew it-tieni stadju tal-kampjunar)			
DB070	**Ordni tal-għażla tal-PSU**	1–99999	Ordni tal-għażla tal-PSU	Unità domestika	Disinn tal-qafas, tar-reġistru jew tal-kampjun	Fl-għażla
DB070_F	Ordni tal-għażla tal-PSU *(marka)*	11	L-ordni fuq il-qafas tal-kampjunar huwa stabbilit għas-snin kollha tal-istħarriġ EU-SILC u l-PSUs għandhom probabbiltà indaqs li jintgħażlu (fl-istrati espliċiti)			
		12	L-ordni fuq il-qafas tal-kampjunar huwa stabbilit għas-snin kollha tal-istħarriġ EU-SILC u l-PSUs għandhom probabbiltà mhux indaqs li jintgħażlu (fl-istrati espliċiti)			
		21	L-ordni fuq il-qafas tal-kampjunar jista' jinbidel maż-żmien u l-PSUs għandhom probabbiltà indaqs li jintgħażlu (fl-istrati espliċiti)			
		22	L-ordni fuq il-qafas tal-kampjunar jista' jinbidel maż-żmien u l-PSUs għandhom probabbiltà mhux			

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
			indaqs li jintgħażlu (fl-istrati espliċiti)			
		-2	Mhux applikabbli (l-ebda għażla sistematika)			
DB075	**Grupp rotazzjonali**	1-9	Grupp rotazzjonali	Unità domestika	Derivata	Kostant
DB075_F	Grupp rotazzjonali *(marka)*	1	Mimlija			
		-2	Mhux applikabbli (ma jintuża l-ebda disinn rotazzjonali)			
DB076	**Mewġa tal-intervista**	1-9	Mewġa tal-intervista	Unità domestika	Derivata	Kurrenti
DB076_F	Mewġa tal-intervista *(marka)*	1	Mimlija			
DB110	**Status tal-unità domestika**	1	Unità domestika minn mewġa preċedenti: Fl-istess indirizz bħall-aħħar intervista	Unità domestika	Intervistatur	Kurrenti
		2	Unità domestika minn mewġa preċedenti: Unità domestika kollha marret f'unità domestika privata fil-pajjiż			
		3	Unità domestika ma għadhiex fl-ambitu: Unità domestika kollha marret f'unità domestika jew f'istituzzjoni kollettiva fil-pajjiż			
		4	Unità domestika ma għadhiex fl-ambitu: Unità domestika marret barra mill-pajjiż			
		5	Unità domestika ma għadhiex fl-ambitu: Unità domestika mietet kollha			
		6	Unità domestika ma għadhiex fl-ambitu: Unità domestika ma fihiex persuna talkampjun			
		7	Indirizz mhux ikkuntattjat: Unità domestika mingħajr aċċess (minħabba, pereżempju, kundizzjonijiet klimatiċi)			

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
		8	Unità domestika ġdida għal din il-mewġa: Unità domestika nqasmet			
		9	Unità domestika ġdida għal din il-mewġa: Indirizz ġdid miżjud mal-kampjun f'din il-mewġa jew fl-ewwel mewġa			
		10	Unità domestika f'fużjoni			
		11	Indirizz mhux ikkuntattjat: Unità domestika mitlufa (l-ebda informazzjoni rreġistrata dwar dak li ġara lill-unità domestika)			
DB110_F	Status tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
DB120	**Kuntatt fl-indirizz**	11	Indirizz/telefown ikkuntattjat	Unità domestika	Intervistatur	Kurrenti
		21	Indirizz/telefown mhux ikkuntattjat: ma ġiex lokalizzat/ma nstabx			
		22	Indirizz/telefown mhux ikkuntattjat: mhux possibbli li jsir aċċess			
		23	Indirizz/telefown mhux ikkuntattjat: residenza ma teżistix/mhux residenzjali jew residenza mhux privata/mhux okkupata/mhux ewlenija			
DB120_F	Kuntatt fl-indirizz *(marka)*	1	Mimlija			
		-2	Mhux applikabbli (DB110 mhux ugwali għal 2, 8 jew 9)			
DB130	**Riżultat tal-kwestjonarju tal-unità domestika**	11	Tlesta l-kwestjonarju tal-unità domestika	Unità domestika	Intervistatur	Kurrenti
		21	Rifjut ta' koperazzjoni			
		22	Unità domestika kollha mhix disponibbli temporanjament għad-durata tat-twettiq tal-kwestjonarju			

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
		23	Unità domestika ma tistax twieġeb (marda, inkapaċità …)			
		24	Raġuni oħra			
DB130_F	Riżultat tal-kwestjonarju tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-2	Mhux applikabbli (DB120 mhux ugwali għal 11 u DB110 mhux ugwali għal 1)			
DB135	**Aċċettazzjoni tal-intervista tal-unità domestika**	1	Intervista aċċettata għall-bażi tad-*data*	Unità domestika	Derivata	Kurrenti
		2	Intervista rifjutata			
DB135_F	Aċċettazzjoni tal-intervista tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-2	Mhux applikabbli (DB130 mhux ugwali għal 11)			
RB010	**Sena tal-istħarriġ**	*Sena*	Sena tal-istħarriġ	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età) u l-eks membri kollha tal-unità domestika	Qafas	Kurrenti
RB020	**Pajjiż ta' residenza**	Kodiċi GEO tal-SCL	Pajjiż ta' residenza	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età) u l-eks membri kollha tal-unità domestika	Qafas	Kostant
HB010	**Sena tal-istħarriġ**	*Sena*	Sena tal-istħarriġ	Unità domestika	Qafas	Kurrenti
HB020	**Pajjiż ta' residenza**	Kodiċi GEO tal-SCL	Pajjiż ta' residenza	Unità domestika	Qafas	Kostant
HB040	**Jum tal-intervista tal-unità domestika**	1-31	Jum tal-intervista tal-unità domestika	Unità domestika	Intervistatur	Kurrenti
HB040_F	Jum tal-intervista tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
HB050	**Xahar tal-intervista tal-unità domestika**	1-12	Xahar tal-intervista tal-unità domestika	Unità domestika	Intervistatur	Kurrenti
HB050_F	Xahar tal-intervista tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
HB060	**Sena tal-intervista tal-unità domestika**	*Sena*	Sena tal-intervista tal-unità domestika	Unità domestika	Intervistatur	Kurrenti

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
HB060_F	Sena tal-intervista tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
HB100	**Numru ta' minuti sakemm jitlesta l-kwestjonarju tal-unità domestika**	1-90	Minuti sakemm jitlesta l-kwestjonarju tal-unità domestika	Unità domestika	Intervistatur	Kurrenti
HB100_F	Numru ta' minuti sakemm jitlesta l-kwestjonarju tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
PB010	**Sena tal-istħarriġ**	*Sena*	Sena tal-istħarriġ	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar	Qafas	Kurrenti
PB020	**Pajjiż ta' residenza**	Kodiċi GEO tal-SCL	Pajjiż ta' residenza	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar	Qafas	Kostant
PB090	**Jum tal-intervista personali**	1-31	Jum tal-intervista personali	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar jew ir-rispondent magħżul (meta japplika)	Intervistatur	Kurrenti
PB090_F	Jum tal-intervista personali *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-3	Mhux applikabbli (rispondent mhux magħżul (RB245 ugwali għal 3))			
PB100	**Xahar tal-intervista personali**	1-12	Xahar tal-intervista personali	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar jew ir-rispondent magħżul (meta japplika)	Intervistatur	Kurrenti
PB100_F	Xahar tal-intervista personali *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
		-3	Mhux applikabbli (rispondent mhux magħżul (RB245 ugwali għal 3))			
PB110	**Sena tal-intervista personali**	*Sena*	Sena tal-intervista personali	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar jew ir-rispondent magħżul (meta japplika)	Intervistatur	Kurrenti
PB110_F	Sena tal-intervista personali *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-3	Mhux applikabbli (rispondent mhux magħżul (RB245 ugwali għal 3))			
PB120	**Numru ta' minuti sakemm jitlesta l-kwestjonarju personali**	1-90	Numru ta' minuti sakemm jitlesta l-kwestjonarju personali	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar jew ir-rispondent magħżul (meta japplika)	Intervistatur	Kurrenti
PB120_F	Numru ta' minuti sakemm jitlesta l-kwestjonarju personali *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-2	Mhux applikabbli (informazzjoni estratta biss mir-reġistri)			
		-3	Mhux applikabbli (rispondent mhux magħżul (RB245 ugwali għal 3))			
			IDENTIFIKAZZJONI			
DB030	**ID tal-unità domestika**	*Numru tal-ID*	ID tal-unità domestika	Unità domestika	Qafas jew intervistatur	Kurrenti
RB030	**ID personali**	*Numru tal-ID*	ID personali	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kwalunkwe età) u l-eks membri kollha tal-unità domestika	Qafas jew intervistatur	Kostant
RB032	**Numru sekwenzjali tal-persuna fl-unità domestika**	*Numru*	Numru sekwenzjali tal-persuna fl-unità domestika	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età)	Qafas jew intervistatur	Kurrenti
RB032_F	Numru sekwenzjali tal-persuna fl-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
		-2	Mhux applikabbli (unità domestika b'persuna waħda)			

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
RB040	**Identifikazzjoni (ID) kurrenti tal-unità domestika**	*Numru tal-ID*	Identifikazzjoni (ID) kurrenti tal-unità domestika	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età) u l-eks membri kollha tal-unità domestika	Qafas jew intervistatur	Kurrenti
RB100	**Persuna tal-kampjun jew koresident**	1	Persuna tal-kampjun	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età)	Qafas jew intervistatur	Kostant
		2	Koresident			
RB100_F	Persuna tal-kampjun jew koresident *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
HB030	**ID tal-unità domestika**	*Numru tal-ID*	ID tal-unità domestika	Unità domestika	Qafas, reġistru jew intervistatur	Kurrenti
HB070	**ID personali tal-persuna li twieġeb il-kwestjonarju tal-unità domestika**	*Numru tal-ID*	ID personali tal-persuna li twieġeb il-kwestjonarju tal-unità domestika	Unità domestika	Intervistatur	Kurrenti
HB070_F	ID personali tal-persuna li twieġeb il-kwestjonarju tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
PB030	**ID personali**	*Numru tal-ID*	ID personali	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar	Qafas, reġistru jew intervistatur	Kostant
PB265	**ID personali tal-persuna li mliet il-kwestjonarju individwali**	*Numru tal-ID*	ID personali tal-persuna li mliet il-kwestjonarju individwali	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar jew ir-rispondent magħżul (meta japplika)	Intervistatur	Kurrenti
PB265_F	ID personali tal-persuna li mliet il-kwestjonarju individwali *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-2	Mhux applikabbli (PB260 mhux ugwali għal 2)			
			PONDERAZZJONIJIET			
DB080	**Ponderazzjoni tad-disinn tal-unità domestika**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni tad-disinn tal-unità domestika	Unità domestika	Mibnija	Kurrenti
DB080_F	Ponderazzjoni tad-disinn tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
		-2	Mhux applikabbli (mhux l-ewwel sena fl-istħarriġ jew inqasmet)			

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
DB090	**Ponderazzjoni trażversali tal-unità domestika**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni trażversali tal-unità domestika	Unità domestika	Mibnija	Kurrenti
DB090_F	Ponderazzjoni trażversali tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
		-7	Mhux applikabbli (DB010 mhux ugwali għall-"aħħar sena tal-operat")			
DB095	**Ponderazzjoni lonġitudinali tal-unità domestika**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni lonġitudinali tal-unità domestika	Unità domestika	Mibnija	Kurrenti
DB095_F	Ponderazzjoni lonġitudinali tal-unità domestika *(marka)*	1	Mimlija			
		-2	Mhux applikabbli (DB110 ugwali għal 9 u DB010 ugwali għall-"aħħar sena tal-operat")			
RB050	**Ponderazzjoni trażversali personali**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni trażversali personali	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età)	Mibnija	Kurrenti
RB050_F	Ponderazzjoni trażversali personali *(marka)*	1	Mimlija			
		-7	Mhux applikabbli (RB010 mhux ugwali għall-"aħħar sena tal-operat")			
RB060	**Ponderazzjoni tal-bażi personali**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni tal-bażi personali	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età)	Mibnija	Kurrenti
RB060_F	Ponderazzjoni tal-bażi personali *(marka)*	1	Mimlija			
RB062	**Ponderazzjoni lonġitudinali (durata ta' sentejn)**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni lonġitudinali (durata ta' sentejn)	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età)	Mibnija	Kurrenti
RB062_F	Ponderazzjoni lonġitudinali (durata ta' sentejn) *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-2	Mhux applikabbli (trajettorja ta' sena waħda biss għall-individwu, jiġifieri individwu fl-ewwel mewġa)			
RB063	**Ponderazzjoni lonġitudinali (durata ta' tliet snin)**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni lonġitudinali (durata ta' tliet snin)	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età)	Mibnija	Kurrenti

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
RB063_F	Ponderazzjoni longitudinali (durata ta' tliet snin) *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-2	Mhux applikabbli (trajettorja ta' anqas minn tliet snin għall-individwu, jiġifieri individwu fl-ewwel jew fit-tieni mewġa)			
RB064	**Ponderazzjoni longitudinali (durata ta' erba' snin)**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni longitudinali (durata ta' erba' snin)	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età)	Mibnija	Kurrenti
RB064_F	Ponderazzjoni longitudinali (durata ta' erba' snin) *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-2	Mhux applikabbli (trajettorja ta' anqas minn erba' snin għall-individwu, jiġifieri individwu fl-ewwel, fit-tieni jew fit-tielet mewġa)			
RB065	**Ponderazzjoni longitudinali (durata ta' ħames snin)**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni longitudinali (durata ta' ħames snin)	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età)	Mibnija	Kurrenti
RB065_F	Ponderazzjoni longitudinali (durata ta' ħames snin) *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-2	Mhux applikabbli (trajettorja ta' anqas minn ħames snin għall-individwu, jiġifieri individwu fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet jew fir-raba' mewġa)			
		-5	Mhux applikabbli (il-pajjiż għandu panell ta' erba' snin)			
RB066	**Ponderazzjoni longitudinali (durata ta' sitt snin)**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni longitudinali (durata ta' sitt snin)	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età)	Mibnija	Kurrenti
RB066_F	Ponderazzjoni longitudinali (durata ta' sitt snin) *(marka)*	1	Mimlija			
		-1	Nieqsa			
		-2	Mhux applikabbli (trajettorja ta' anqas minn sitt snin għall-individwu, jiġifieri individwu fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet, fir-raba' jew fil-ħames mewġa)			

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
		-5	Mhux applikabbli (il-pajjiż għandu panell ta' erba' snin)			
RL070	**Ponderazzjoni trażversali tat-tfal għall-indukrar tat-tfal**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni trażversali tat-tfal għall-indukrar tat-tfal	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li ma għandhomx aktar minn 12-il sena (l-età fid-data tal-intervista)	Mibnija	Kurrenti
RL070_F	Ponderazzjoni trażversali tat-tfal għall-indukrar tat-tfal *(marka)*	1	Mimlija			
		-2	Mhux applikabbli (persuna li għandha aktar minn 12-il sena fid-data tal-intervista)			
		-7	Mhux applikabbli (RB010 mhux ugwali għall-"aħħar sena tal-operat")			
PB040	**Ponderazzjoni trażversali personali (il-membri kollha tal-unità domestika ta' 16-il sena jew aktar)**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni trażversali personali (il-membri kollha tal-unità domestika ta' 16-il sena jew aktar)	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar	Mibnija	Kurrenti
PB040_F	Ponderazzjoni trażversali personali (il-membri kollha tal-unità domestika ta' 16-il sena jew aktar) *(marka)*	1	Mimlija			
		-7	Mhux applikabbli (RB010 mhux ugwali għall-"aħħar sena tal-operat")			
PB050	**Ponderazzjoni tal-bażi personali (il-membri kollha tal-unità domestika ta' 16-il sena u aktar)**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni tal-bażi personali (il-membri kollha tal-unità domestika ta' 16-il sena u aktar)	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar	Mibnija	Kurrenti
PB050_F	Ponderazzjoni tal-bażi personali (il-membri kollha tal-unità domestika ta' 16-il sena u aktar) *(marka)*	1	Mimlija			
PB060	**Ponderazzjoni trażversali personali għar-rispondent magħżul**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni trażversali personali għar-rispondent magħżul	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar	Mibnija	Kurrenti
PB060_F	Ponderazzjoni trażversali personali għar-rispondent magħżul *(marka)*	1	Mimlija			
		-2	Mhux applikabbli (il-pajjiż ma jużax il-mudell tar-rispondent magħżul)			

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
		-3	Mhux applikabbli (rispondent mhux magħżul (RB245 ugwali għal 3))			
		-7	Mhux applikabbli (PB010 mhux ugwali għall-"aħħar sena tal-operat")			
PB070	**Ponderazzjoni tad-disinn personali għar-rispondent magħżul**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni tad-disinn personali għar-rispondent magħżul	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar	Mibnija	Kurrenti
PB070_F	Ponderazzjoni tad-disinn personali għar-rispondent magħżul *(marka)*	1	Mimlija			
		-2	Mhux applikabbli (il-pajjiż ma jużax il-mudell tar-rispondent magħżul)			
		-3	Mhux applikabbli (rispondent mhux magħżul (RB245 ugwali għal 3))			
PB080	**Ponderazzjoni tal-bażi personali għar-rispondent magħżul**	*Ponderazzjoni*	Ponderazzjoni tal-bażi personali għar-rispondent magħżul	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar	Mibnija	Kurrenti
PB080_F	Ponderazzjoni tal-bażi personali għar-rispondent magħżul *(marka)*	1	Mimlija			
		-2	Mhux applikabbli (il-pajjiż ma jużax il-mudell tar-rispondent magħżul)			
		-3	Mhux applikabbli (rispondent mhux magħżul (RB245 ugwali għal 3))			
			KARATTERISTIĊI TAL-INTERVISTA			
RB250	**Status tad-*data***	11	Informazzjoni mimlija biss mill-intervista	Il-membri kurrenti kollha tal-unità domestika (ta' kull età)	Intervistatur	Kurrenti
		12	Informazzjoni mimlija biss mir-reġistri			
		13	Informazzjoni mimlija mit-tnejn: intervista u reġistri			
		14	Informazzjoni mimlija minn imputazzjoni tar-rekords sħaħ			

Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli	Kodiċi tal-modalità	Tikketta tal-modalità	Unità tal-ġbir	Mod tal-ġbir	Perjodu ta' referenza
		21	Individwi ma jistgħux jirrispondu (mard, inkapaċità, eċċ.) u l-ebda prokura mhi possibbli			
		22	Persuna naqset milli tirritorna l-kwestjonarju mimli minnha stess			
		23	Rifjut ta' koperazzjoni			
		31	Persuna mhux disponibbli temporanjament u l-ebda prokura mhi possibbli			
		32	Ebda kuntatt għal raġunijiet oħra			
		33	Informazzjoni mhux mimlija: raġuni mhix magħrufa			
RB250_F	Status tad-*data* *(marka)*	1	Mimlija			
		-2	Mhux applikabbli (RB245 mhux ugwali għal 1, 2 jew 3)			
HB130	**Mod tal-intervista użat (unità domestika)**	1	Intervista personali assistita bil-karti (PAPI)	Unità domestika	Intervistatur	Kurrenti
		2	Intervista personali assistita b'kompjuter (CAPI)			
		3	Intervista bit-telefown assistita b'kompjuter (CATI)			
		4	Intervista fuq il-web assistita b'kompjuter (CAWI)			
		5	Oħrajn			
HB130_F	Mod tal-intervista użata (unità domestika) *(marka)*	1	Mimlija			
